**162. IL-MINISTRU GĦALL-INVESTIMENT, INDUSTRIJA U TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI jipproponi:-**

Billi fit-18 ta' Jannar 1993 (Seduta Nru. 74) il-Kamra approvat Riżoluzzjoni taħt il-provvediment tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru. XXXIII ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, l-għotja b'ċens temporanju ta' disgħa u disgħin (99) sena, il-Fortizza ta' Chambray u art adjaċenti fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, lill-*Fort Chambray Limited*, liema għotja ngħatat permezz ta' kuntratt ippubblikat fit-13 ta' April, 1993 ;

U billi wara ntlaħaq ftehim mill-gvern ma' intraprendituri ġodda, ġie deċiż li ċ-ċens li ngħata permezz tal-kuntratt ippubblikat fit-13 ta' April, 1993 jiġi terminat;

Għalhekk il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens ġdid li jiskadi fit-12 ta' April, 2092 lill-*Fort Chambray Limited*, lill-*Forti Resort Hotel Limited* u lill-*Forti Development Limited* il-Fortizza u art adjaċenti kif inhuma deskritti aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinstabu fl-istess abbozz;

U billi hu maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru. XXXIII ta' l-1976, dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Fortizza ta' Chambray u l-art adjaċenti fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, kif deskritti aħjar fl-abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mogħtija b'ċens lill-*Fort Chambray Limited*, lill-*Forti Resort Hotel Limited* u lill-*Forti Development Limited* għal żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

1.12.04